RADJU MARIJA

Leħen Nisrani fid-dar tiegħek.

LOURDES 1858-2018 160 ans d'émotions

**Pellegrinaġġ għal Lourdes ma' Radju Marija**
**Mill- 20 sa 24 ta' Awwissu 2018 (4-ijiem sħaħ)**

**Inżuru: Lourdes, Pont d'Espagne, Gavarnie, Artouste u El Portalet.**

**It-Tnejn |** Il-grupp jiltaqa' l-ajruport fit-3.00 p.m. minn fejn b'titjira diretta mal-Air Malta, fil-5.00 p.m. nitilqu għal Lourdes. Fis-7.25 p.m. naslu Lourdes u nirkbu l-*coach* li tehodna għall-Lukanda Lys De Marie (*3 star superior*) jew simili. Ċena, sistemazzjoni tal-kmamar u ħin għall-mistrieħ.

**It-Tlieta |** Wara l-kolazzjon nibdew il-mawra tagħna f'Lourdes bi żjara fil-Grotta ta' Massabielle, fejn il-Madonna dehret lil Santa Bernadette Soubirous. Niċċelebraw l-Ewkaristija f'waħda mid-diversi knejjes/kappelli li jinsabu viċin il-Grotta. Ma' tmiem il-Quddiesa, l-grupp jieħu ritratt ta' tifkira quddiem il-Baziliki. Inkomplu billi nżuru t-tliet Baziliki u wara ngħamlu l-mixja tal-Via Sagra fuq l-għolja de l'Espeluges. Pranzu u wara *optional excursion* fil-Pyrenees National Park, li huwa riserva naturali protetta u hemmhekk inżuru Pont d'Espagne. Din hija eskursjoni mill-isbaħ fuq il-muntanji bl-opportunità li nitgħaxxqu b'xenarju sabiħ u kaskati meraviljużi. Ċena fil-lukanda u wara fid-9.00 p.m. nieħdu sehem bħala grupp, fil-Purcissjoni *Aux Flambeaux* li tibda mill-Grotta u tintemm fil-pjazza ta' quddiem il-Bazilika tar-Ruzarju. F'din il-purċissjoni l-pellegrini jimxu wara l-istatwa tal-Madonna b'xemgha mixgħula f'idejhom u jingħad ir-ruzarju.

**L-Erbgħa |** Kolazzjon u wara fid-9.30 a.m. nieħdu sehem fil-Quddiesa Internazzjonali li ssir fil-Bazilika l-Kbira ta' taħt l-art iddedikata lil San Piju X. Esperjenza unika u xeni mpressjonanti ta' devozzjoni. Wara din ic-ċelebrazzjoni mmorru naraw DVD dwar il-Messaġġ ta' Lourdes. Pranzu u wara *optional excursion* għal Gavarnie. Eskursjoni verament sabiħa li matulha naraw ħafna veduti meraviljuzi. Gavarnie huwa rahal qalb il-muntanji, 1357 metru 'l fuq mill-baħar. Nagħmlu waqfa fuq Pont du Napoleon u ngawdu veduta mill-aqwa u anke wieħed jista' jixtri xi tifkira tal-post. Hekk kif naslu Gavarnie nistgħu naghmlu mixja qalb xenarju mill-isbaħ jew min irid jista' anke jieħu rikba fuq xi ziemel. Ċena fil-lukanda u wara ħin liberu.

**Il-Ħamis |** Kolazzjon u wara *optional excursion* ta' jum għal Artouste *(packed lunch)*. Dawra verament sabiħa bil-*coach* fuq il-muntanji Pyrenees. Din il-ħarga tilħaq l-aqwa tagħha meta permezz ta' *telecabine* nitilgħu gholi ta' 1920 metru minn fejn nirkbu *petit train* li permezz tagħha nduru qalb il-muntanji li jifirdu Franza u Spanja (*telecabine* u *petit train* ħlas *extra)* Wara nofsinhar immorru El Portalet, raħal zgħir fi Spanja fejn wieħed jista' jgħamel ix-xiri tiegħu qabel nirritornaw l-lukanda. Wara ċ-ċena jkollna ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

**Il-Ġimgħa |** Kolazzjon, imbagħad immorru fil-banjijiet li qiegħdin viċin il-Grotta u hemm ngħamlu t-talb tagħna. L-ilma tal-banjijiet jitwassal minn nixxiegħa li qiegħda fil-Grotta, proprju ħalli titwetttaq l-istedina tal-Madonna biex wieħed jinzel fl-ilma, jirrikoncilja u jitlob għall-intenzjonijiet tiegħu. Inkomplu bil-programm billi nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Pranzu u wara ħin liberu, sakemm isir il-ħin li nitilqgħu mill-Lukanda ghall-ajruport. (Ħrug mill-kmamar fin-12:30 pm). It-titjira titlaq minn Lourdes fit-8.15 pm tasal Malta fl-10.30 pm.

**PREZZ KULL PERSUNA**

| | |
|---|---|
| Kbar fi *Triple* | €559 |
| Kbar fi *Twin* | €569 |
| Kbar f'*Single* | €647 |
| Tfal (2 sa 5 snin) ma' żewg adulti | €455 |
| Tfal (6 sa 10 snin) ma' żewg adulti | €485 |

*Nota: Is-City tax ta' Lourdes (€1.30 kull lejl kull persuna - minn 18-il sena 'l fuq) mhux inkluża fil-prezz. Din it-taxxa titħallas direttament fil-Lukanda.*

**PREZZ JINKLUDI**

Titjiriet diretti mal-Airmalta: Malta/Lourdes/Malta
Trasferimenti: ajruport/lukanda/ajruport
Akkomodazzjoni fil-Lukanda Lys de Marie (3 star superior) jew simili
Kmamar kollha bis-servizzi privati
Full Board (kolazzjon/pranzu/ċena)
Servizz ta' Tour Leader
Servizz ta' Direttur Spiritwali
It-taxxi tal-ajruporti u s-*service charge*
*Insolvency Fund*

**Servizzi mhux inkluzi fil-*package***

| | |
|---|---|
| Donazzjoni lis-Santwarju | €2 (kull persuna, kuljum) |
| Telecabine u petit train | €25 ghall-kbar / €21.50 għat-tfal – minn 4 snin il-fuq |

Jista' jkun hemm tibdil f'dawn il-prezzijiet.

**ESKURSJONIJIET** (Tfal ihallsu nofs prezz)

| | |
|---|---|
| Pont d'Espagne | €27 |
| Gavarnie | €27 |
| Artouste / El Portalet (*telecabine / petit train extra)* | €32 |

**ASSIGURAZZJONI (5 ijiem) Atlas Insurance**
***Standard Cover* – Tinkludi l-*Excess Waiver***

| | |
|---|---|
| Tfal sa 15 il-sena | €15 |
| Adulti 16-69 sena | €23 |
| Adulti 70-75 sena | €40 |
| Adulti 76-80 sena | €45 **(*Budget Cover* biss)** |

NOTA: Ma' kull *booking irid* jitħallas depozitu ta' €250 u l-ħlas tal-assigurazzjoni